# Il-Ħuttafa

## Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf




...u żewġ paġni oħra bil-kulur

BirdLife MALTA

bufula ħamra

Klabb Ħuttaf

Numru 81 L-14-il sena Lulju - Awwissu 2007

# Farfett ġdid!

F'Ġunju 2007 il-ħabib tagħna Michael Sammut ra farfett żgħir jittajjar fuq sardinella f'San Ġwann. Ħares iktar birreqqa u nduna li dan kien farfett li qatt ma kien ra. Ħadlu xi ritratti (ara pġ1), fittex fil-kotba u sab li kien Geranium Bronze *Cacyreus marshalli*. Din hija speċi ġdida għal Malta, u nistgħu nsejħulu **Farfett tas-Sardinell**. Minn dak iż-żmien 'l hawn deher diversi drabi oħra kemm fl-istess post u anke f'inħawi oħra. Dal-farfett oriġina fl-Afrika t'Isfel, u probabbli ddaħħal Malta bi żball bħala bajd, xagħat jew fosdqa ma' xi pjanti tal-ġonna.


Matthew Borg Cardona

# Is-Sena tal-Ħuttaf!

Dis-sena kienet rekord għall-ħuttaf li bejjet f'pajjiżna. Sa ftit snin ilu l-ħuttaf konna narawh biss fil-passa. Imma dawn l-aħħar snin xi par kien qed jibqa' Malta u jbejjet. Dis-sena kienet rekord għax bejtu mill-inqas **tliet pari** b'suċċess. Iktar frieħ ifisser mhux biss iktar għasafar, imma dawk il-frieħ hemm ċans li s-sena d-dieħla anke huma jiġu jbejtu f'Malta.


Ray Galea

## Bejta 1

**Sannat** (Għawdex). F'Ġunju 2007 par ħuttaf bnew bejta f'kamra żgħira f'dan ir-raħal, u kienu jidħlu minn tieqa żgħira għax il-bieb kien imbarrat. L-ewwel frieħ tajru għall-bidu ta' Lulju. Imbagħad l-istess par reġgħu biedu fl-istess bejta u kellhom erbat ifrieħ oħra!


Ray Galea

## Bejta 2

**Marsaxlokk**. F'Lulju 2007 il-berdwoċer Richard Cachia Żammit ra tmien ħuttafiet fl-inħawi ta' Tas-Silġ. Ray Galea, berdwoċer ieħor, mar jinvestiga u sab li par ħuttaf kienu bnew bejta f'villa mitluqa. Din x'aktarx kienet familja ta' żewġ adulti u sitt ifrieħ.

### Mhux tlieta biss...

Minbarra dawn it-tliet bejtiet, probabbli kien hemm ukoll żewġ pari oħrajn ibejtu, par fl-inħawi ta' l-i**Mtaħleb** u par ieħor fl-inħawi ta' l-**Għadira**. Il-bejtiet però ma sibnihomx.


Ray Galea

## Bejta 3

**Il-Buskett**. F'Awwissu 2007 seħibna Ray Galea ra par ħuttafiet deħlin f'bini mitluq, u ssuspetta li kienu qed ibejtu. Meta ċċekkja sab li f'dal-bini kien hemm żewġ bejtiet tal-ħuttaf, u sab li dawn kienu t-tnejn ta' l-istess par. Fl-ewwel bejta kienu trabbew ħamest ifrieħ, li kibru u tajru, u fit-tieni waħda kien għad hemm erbat ifrieħ żgħar. Sa ma jaslilkom dal-magażin nawguraw li anke dawn ikunu tajru wkoll.

Grazzi ħafna lil Ray Galea mhux biss tax-xogħol ta' ditektiv ta' l-għasafar, imma anke talli ġabrilna dal-materjal biex nippublikawh, flimkien mar-ritratti li ħa tal-bejtiet.




**Xagħat ta' Farfett tal-Kaboċċi**
ritratt ta' Aron Tanti
Aktar ritratti ta' Aron jekk iżżuru l-websajt tiegħu http://schoolnet.gov.mt/tanti/

# x'għandna?


| | |
|---|---|
| aħbarijiet | 2 |
| editorjal | 3 |
| X'għandna mid-dinja? | 4 |
| X'se naraw? | 5 |
| Sigra u Very Good | 6 |
| gallerija | 7 |
| id-difla | 7 |
| Falko | 8 |
| NAR! | 9 |
| Nilagħbu tikka | 10 |
| Daħħal membru | 10 |
| Lejla maċ-ċief | 11 |
| Pin Badges | 12 |




editorjal

## Ħej Ħuttaf!

Allura! Għoġbukom il-paġni ġodda bil-kulur jew? Dawk rigal sorpriża għal das-sajf :-)

Kos x'differenza jagħmel ftit kulur. Kemm aħna b'xortina li naraw bil-kulur. Tafu li mhux l-annimali kollha jaraw bil-kulur? Mela x'hiex!

Il-mammiferi, per eżempju, kważi kollha iswed u abjad jaraw, jew insomma għandhom skoss kuluri neqsin mill-vista tagħhom. Klieb u qtates, żwiemel u baqar, ċriev, mogħoż, ngħaġ u antilopi, orsijiet, iljuni, tigri u iljunfanti, ġiraffi u ħnieżer, ġrieden u fniek, friefet il-lejl u qniefed, foki, dniefel u balieni, dawn kollha jaraw ħafna inqas kuluri minna. Fil-ħajja ta' dawn l-annimali, il-kulur mhux importanti.

Imma b'xorti tajba aħna, u anke x-xadini (li niġu minnhom) naraw bil-kulur. Għaliex?

Għax l-ikel ta' ħafna xadini huwa l-frott, u biex xadina tkun taf jekk frotta hix misjura u tajba għall-ikel s'intendi trid tara x'kulur tkun. Għalhekk naraw bil-kulur!

Kieku x-xadini flok frott kienu jieklu per eżempju ħaxix bħaż-żebra jew laħam bħal-lupu, kieku huma wkoll jaraw black-and-white. U aħna magħhom. U l-magażin favorit tagħna kien ikun kollu kulur wieħed :-(

Mela viva x-xadini żaqqiqin għall-frott!

Victor

**Victor Falzon** L-Editur




mal-faċċata



Il-**bufula ħamra** (spectacled warbler *Sylvia conspicillata*) hija għasfur żgħir tal-kampanja. Tħobb il-beraħ u x-xagħri, u tibni l-bejta f'xi arbuxxell baxx. Ma tantx hi komuni f'Malta, u f'dawn l-aħħar snin kompliet tonqos. L-ambjent tagħha qiegħed kull ma jmur jonqos u jisparixxi taħt it-toroq, taħt il-bini u taħt l-imnasab tan-nassaba. Dan mhux bħall-kuġina tagħha l-bufula sewda li drat tgħix viċin in-nies; il-bufula ħamra hija mgerrxa sew mill-bniedem. Biex insalvaw il-bufula ħamra irid ikollna iktar postijiet protetti mill-iżvilupp. (Ritratt ta' Denis Cachia).

**Il-kumitat ta' Klabb Ħuttaf**
Jason Aloisio, Matthew Borg Cardona, Desirée Falzon, Sylvia Falzon, Victor Falzon u Kathleen Mamo.

indirizz **BirdLife Malta, 57/28 Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex XBX 1120** tel **21347644 / 21347645**
imejl **info@birdlifemalta.org** imejl tal-magażin **il-huttafa@birdlifemalta.org** websajt **www.birdlifemalta.org**

**Klabb Ħuttaf** huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt it-18. Norganizzaw ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, u nagħmlu xogħol ambjentali. Noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* kull xaharejn għall-membri, u nagħmlu ħendawts u logħob għal waqt xi attivitajiet. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija Lm3 (€6.99) fis-sena.

Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, l-isem BirdLife f'dal-magażin jirreferi għal BirdLife Malta. Materjal mill-magażin jista' jiġi kkupjat basta mhux għal skop kummerċjali u basta jissemma' isem il-magażin u tintbagħat lill-BirdLife kopja tal-materjal fejn ġie kkupjat.

Publikazzjoni BirdLife Malta, Awwissu 2007 • Disinn u produzzjoni Victor Falzon • Stampat għand Poulton's Print Shop




# Lm1000 r-ras!



| | |
|---|---|
| **isem** | **EASTERN GREY KANGAROO** *Macropus giganteus* |
| **fejn jgħix** | Awstralja (fin-nofsinhar u l-lvant) u Tasmania |
| **ħabitat** | wesgħat bil-ħaxix |
| **tul** | 150ċm |
| **lewn** | griż minn fuq, abjad minn taħt |
| **ikel** | ħaxix u weraq |
| **problemi** | qerda tal-ħabitat, nixfa |
| **status** | komuni, imma nqered minn ħafna nħawi |

Ħafna Awstraljani jħobbuh immens il-kangarù għax dan l-annimal huwa s-simbolu ta' pajjiżhom. Imma għandhom problema. Fl-Awstralja jrabbu ħafna ħafna ngħaġ... in-ngħaġ irid ħafna art fejn jirgħa... l-art qed tinsteraq mill-ambjent naturali tal-kangarù... u l-kangarù m'għandux fejn jgħix! Ħafna kangaruni bdew jitfaċċaw fil-parks u wesgħat ħdejn l-ibliet għax hemm qed isibu ħaxix frisk. Wieħed mill-postijiet li mtela bil-kangaruni huwa bażi militari ħdejn Canberra.

Imma d-Dipartiment tad-Difiża qed igorr li dawn il-kangaruni qed jagħmlu ħsara lill-ambjent tal-bażi, u ddeċieda li jdaħħal il-kaċċaturi biex joqtluhom. Imma l-pjan qajjem protesti mill-publiku u kellu jinbidel. U nbidel sew! Issa flok m'huma ħa jinqatlu, il-kangarù ħa jitraqqdu, jinqabdu, jinġarru b'vannijiet (b'arja kkundizzjonata) u jintelqu f'medda art kbira ta' ħaxix u siġar li ħa titwarrab apposta għalihom. Din l-operazzjoni se tqum balla flus. Kull kangarù se jiswa lid-Dipartiment tad-Difiża Awstraljan xi Lm970, u b'kollox hemm xi 3200 kangarù. Mur ara! Aħjar milli jonfquhom f'missili hux?!

## Nofs tużżana friski!

Kmieni dis-sena tim ta' xjenzati kienu fil-Congo (Democratic Republic of Congo) qed jagħmlu riċerka fl-għoljiet u l-muntanji fil-punent ta' Lake Tanganyika. Il-post huwa ġenna ta' l-art għan-natura, fejn għadhom jgħixu xadini, bufli, iljunfanti u leopardi. Fix-xaharejn li damu hemm, ix-xjenzati sabu **sitt annimali ġodda għax-xjenza**: tip ta' farfett il-lejl, tip ta' ġurdien, żewġ tipi ta' bugeddum (shrews) u żewġ żrinġijiet. Sabu wkoll salt pjanti li wħud minnhom ġodda wkoll.

Dal-post fih biċċa foresta tropikali ta' xi 1000km$^2$ (xi elf darba daqs il-Buskett!) li għadha mhix imbagħbsa mill-bniedem. Qed jibdew isiru sforzi biex din l-art tiġi protetta.




Victor Falzon

[1]**endemiċi**: annimali u pjanti li ssibhom f'post wieħed biss fid-dinja.

## CANARIE




Kull sajf sirna nisimgħu b'nirien kbar li jaħarqu meded kbar ta' foresti, speċjalment fil-pajjiżi tal-Mediterran fejn is-sħana hija qawwija u l-ilma huwa skars.

Dis-sena nirien kbar għamlu ħerba fil-Gżejjer Canarie, fejn inqerdu 35,000 ettaru (medda ikbar mill-Gżejjer Maltin) ta' foresta. Il-gżira Gran Canaria biss biss tilfet terz tal-foresti tagħha.

L-ambjentalisti allarmati għax fil-Canarie jgħixu diversi speċi [1]endemiċi. Fost dawn hemm l-iSponsun Ikħal u tliet speċi ta' ħamiem. Jekk bin-nirien jinqerdu dawn l-għasafar, ikunu spiċċaw għal kollox minn wiċċ id-dinja.

# X'se naraw?

**Victor Falzon** jgħidilna kif naraw u nagħrfu l-għasafar



Victor Falzon





## il-pispisella tad-dabra

dunlin *Calidris alpina*

Għandek kemm għandek siġar, m'intix ħa tarah fil-ġnien dan l-għasfur! Għaliex? Għax l-għasafar mhux kollha jfittxu l-ġonna. Il-pispisella tad-dabra, per eżempju, tgħix ħajjitha kważi kollha f'xatt il-baħar. Mhux għax tħobb tgħum u tixxemmex imma għax hemm issib l-ikel tagħha: dud u ħniex irqaq li jgħixu midfunin fit-tajn u r-ramel imxarrab.

Il-pispisella tad-dabra hija għasfur żgħir b'munqar twil, għodda perfetta biex ittella' d-dud mit-tajn. Fis-sajf ma' żaqqha jkollha tebgħa sewda kwadra (bħal Teletubby!), imma fix-xitwa tkun żaqqha bajda u daharha griż. Biex taraha mur f'postijiet bħas-Salina, ir-riserva ta' l-Għadira, kultant f'xi xtut kwieti.

(*Għasafar Madwarna* p 22)

## l-għasfur tal-bejt

Spanish sparrow *Passer hispaniolensis*

Lil dan kulħadd jafu, għax komuni, issibu kullimkien f'numri kbar, jgħix qalb in-nies u jbejjet fil-ventilaturi ta' djarna. U biex tgħaqqadha huwa wkoll storbjuż!

Imma billi l-għasfur tal-bejt huwa komuni xorta waħda huwa sabiħ. Speċjalment fir-rebbiegħa u fis-sajf ikollu ħafna iswed ma' sidru u fuq rasu jkollu qisha beritta kannella. Imma r-raġel biss ikun hekk; in-nisa jkunu griżi fil-kannella, b'żaqqhom abjad mitfi.

L-għasfur tal-bejt sar daqshekk komuni għax tgħallem jgħix magħna u jiekol bis-serqa mill-ħafna skart li narmu. Jekk tarma bird table fil-ġnien, l-għasfur tal-bejt ħa jkun wieħed mill-għasafar li jinżlu jżuruhielek, u spiss ukoll iżarmawhielek mill-ikel!

(*Għasafar Madwarna* p 47)




L-istampi t'hawn fuq meħudin mill-ktieb ***Għasafar Madwarna*** (fil-ktieb qegħdin bil-kulur). Il-BirdLife ħarġet dal-ktieb apposta għal min irid jibda l-berdwoċing minn età żgħira. Fih tagħrif sempliċi fuq 100 għasfur, u stampi bil-kulur minn qoxra sa qoxra. U jiswa **Lm2.05** (€4.78) biss! Jekk għad m'għandekx... x'qed tistenna? Ċemplilna fuq 21347644/5 u ordna wieħed.

# Sigra u Very Good!

Desirée Falzon



Jekk bħali qrajt il-kotba ta' Harry Potter żgur għaraftha din l-istampa! Dik hija l-qoxra ta' wara ta' l-aħħar ktieb. Imma mhux fuq Harry ħa nitkellmu llum. Ħa nitkellmu tikka fuq dak is-simbolu żgħir li dawwartulkom b'ċirku u kabbartulkom fuq il-lemin. X'inhu dak is-simbolu?

FSC ©

Dak is-simbolu qed jgħidilna xi ħaġa fuq il-karta li użaw biex jistampaw dan il-ktieb. L-ittri FSC jfissru Forest Stewardship Council. L-FSC hija għaqda li vvintat sistema biex tipproteġi l-foresti. Kif?

Fl-1993 ingħaqdu flimkien grupp ta' nies li ma felħux iktar jaraw foresti tropikali u forest antiki jkomplu jinqerdu għall-injam tagħhom. Bdew imexxu l-idea li jekk irridu njam għall-karti jew għall-għamara, irridu npattu għas-siġar li naqtgħu billi nkabbru foresti ġodda. B'hekk l-injam nibdew niħduh minnhom mhux nibqgħu neqirdu l-foresti antiki. L-FSC għamlu regoli fuq kif tkabbar u tieħu ħsieb foresti meta tkun trid taqta' njam minnhom. Ħolqu wkoll dal-logo li juri sigra b'*very good* magħquda magħha. Ħafna kumpaniji xtaqu jgħinu lill-ambjent u bdew jużaw injam (jew prodotti mill-injam) li ġej minn foresti mkabbrin skond ir-regoli ta' l-FSC. Dawn il-kumpaniji ingħataw permess jistampaw il-logo ta' l-FSC fuq il-prodotti tagħhom.

U aħna kif nistgħu ngħinu? Faċli: nużaw prodotti li għandhom it-timbru tal-FSC. Per eżempju ftit ieħor nibdew naħsbu għall-iskola. Meta nixtru karti, file paper, pitazzi, kartolini eċċ, niċċekkjaw jekk hemmx il-logo ta' l-FSC - u nixtru lilhom!



Desirée Falzon

Il-Ħuttafa nistampawh fuq karta riċiklata, u kif tafu l-karta riċiklata ma tiġix mill-foresti, imma minn karta użata.






merlinlibrary
the name in publishing and bookselling since 1964

An unbelievable range of books to suit all tastes at the best prices

www.merlinlibrary.com
mail@merlinlibrary.com

merlinlibrary
Mountbatten Str. Blata l-Bajda HMR 08

T: 21 234438
21 221205
F: 21 221135

Ibagħtulna **tpinġijiet** jew **ritratti** naturali tagħkom ħalli nġibuhom fil-GALLERIJA.



**ċikonja**
Melanie Mulvaney 12



**barbaġann**
Gabriel Micallef 10



**plamtu**
Ryan Vassallo 9

gallerija



**ħanżir l-art**
Naomi Mamo 9



**brimba**
Karen Desira 11

gallerija



**kukkudrill**
Pamela Bezzina 11



**baliena blu**
Neville Cauchi 10



**tulipan selvaġġ**
Chaanah Muscat 13

gallerija



**vjolin**
David Attard 13

# Bl-Għeruq u x-Xniexel

## Ħarsa lejn is-siġar Maltin

## id-difla Oleander *Nerium oleander*



Desirée Falzon

Siġra li naraw spiss f'pajjiżna hija d-difla, pjanta oħra Mediterranja u Maltija. Fin-natura, id-difla (jgħidulha wkoll oljandru, siġra tal-wirdien u siġret il-ġarab) tikber mal-ġnub tax-xmajjar, u tikber ukoll fil-qiegħ ta' widien li jinxfu fis-sajf.

L-għamla naturali tad-difla hija arbuxxell. F'Malta hija rarissma fis-salvaġġ u x'aktarx li s-siġar oriġinali kienu nqerdu għal kollox mill-widien. Imma b'xorti tajba d-difla titħawwel ħafna fil-ġonna u mal-ġnub tat-toroq, u minn hemm ħarbet u f'xi widien reġgħet qed tikber, per eżempju f'Wied Għollieqa, Wied Ħarq Ħamiem u f'Wied Sara (Għawdex).

Id-difla tintuża spiss bħala ħeġġ folt, imma spiss ukoll tinżabar fuq żokk wieħed u titħalla tikber f'siġra ta' 3-4m. L-isbaħ dehra tad-difla hija fis-sajf (Mejju-Awwissu) meta timtela ward kbir rosa jew abjad. Dawn huma l-ilwien naturali tagħha, imma hemm varjetajiet ħomor, oranġjo u anke sofor. Il-weraq twil xi 15ċm, aħdar skur u dejjaq forma ta' lanza. Wara li l-ward jiddakkar jikber miżwet twil kannella li meta jsir jinqasam minn tulu u minnu toħroġ iż-żerriegħa. Kull żerriegħa jkollha troffa xagħar biex jaqbadha r-riħ u b'hekk tinxtered.

Id-difla mimlija vantaġġi: tiflaħ għan-nixfa tas-sajf, għat-tniġġis tat-traffiku u għar-raxx tal-baħar. Tajba bħala lqugħ għar-riħ u lqugħ kontra n-nar. Tikber malajr, tħaddar is-sena kollha, tinfexx fil-fjuri fl-iktar staġun diffiċli, tikber f'kull tip ta' ħamrija, u faċli titkattar (biż-żerriegħa jew bil-biċċa).

Għal ħaġa waħda trid toqogħdilha attent: kull parti minn dis-siġra hija velenuża ħafna, kemm għan-nies kif ukoll għall-bhejjem. Il-velenu tagħha jaffettwa l-qalb u jista' joqtol, u l-ħalib tagħha jirrita l-ġilda. B'xorti tajba l-ħalib tagħha huwa morr ħafna. Lanqas m'għandna nużaw zkuk tad-difla biex insajru l-ikel (bħal f'barbikju) u rridu nevitaw ukoll li nibilgħu d-duħħan tagħha.



Desirée Falzon

**Charles F Grech**
Masġâr



It-tifla ta' Fidiel tal-Fiddien faddlet ftit flus tal-fidda li difnet fil-fond taħt difla dellija.

FALKO

Kumitat FALKO
Stefan Azzopardi, Matthew Borg Cardona, Carl Camilleri, Simon Sultana, Justin Vassallo.

# Falko tmur Berlin!

Mit-22 sas-27 Ġunju 2007, tliet membri tal-Falko (Simon Sultana, Esther Schembri u jien), flimkien ma' membru mill-FOE Malta irrappreżentajna lil Malta f'konferenza li saret f'Berlin (Ġermanja). It-tema kienet it-tibdil fil-klima. B'kollox konna 150 parteċipant minn ħafna pajjiżi fl-Ewropa.

Il-konferenza organizzatha l-Youth Alliance for Future Energy, u l-għanijiet kienu

- biex jinħolqu strateġiji ħalli nikkumbattu t-tibdil fil-klima
- biex jinħoloq abbozz ta' dikjarazzjonijiet
- biex jiġu ppjanati proġetti madwar l-Ewropa biex jitnaqqas it-tniġġis fl-arja.

Il-konferenza kienet tikkonsisti f'diversi laqgħat ta' gruppi, diskussjonijiet u anke dimostrazzjoni quddiem il-parlament ta' Berlin! Waqt id-dimostrazzjoni, il-parteċipanti firxu bener bil-kitba KNOCK OUT CLIMATE CHANGE bil-lingwi kollha Ewropej (inkluż bil-Malti). Bl-atmosfera li nħolqot ġbidna l-interess ta' ħafna nies mit-triq. Xi parteċipanti ppreżentaw dikjarazzjoni lill-ministru ta' l-ambjent Sigma Gabriel. Il-ministru wiegħed li jippreżenta d-dokument fil-Kunsill ta' l-Ewropa.

Waqt l-avveniment il-grupp Malti ngħaqad ma' dak Taljan biex flimkien noħolqu proġett fil-Mediterran u nsibu modi kif nippromwovu enerġija sostenibbli.

Matthew Borg Cardona



Simon jindirizza waħda mil-laqgħat waqt il-konferenza.



Ftit mill-parteċipanti żgħażagħ waqt id-dimostrazzjoni.



Il-bener quddiem il-parlament Ġermaniż. Kellna ors abjad ukoll!


Alex Casha

## Taqtgħux pankrazju please!

Fuq ir-ramel tax-xtut tagħna tikber waħda mill-isbaħ fjuri Maltin: il-pankrazju. Bħalissa l-pankrazju jkun bil-fjuri. F'dak ir-ramel jikwi, f'dik ix-xemx tisreġ, f'din-nixfa qalila, mikxuf għar-riħ u għar-raxx tal-baħar, u xorta joħroġlok dak il-ġmiel ta' bukkett li jgħidlek *Ejja xommni!* U jekk tkunu Għajn Tuffieħa jew ir-Ramla l-Ħamra jew it-Torri l-Abjad u ssibuh jikber, toqogħdux lura milli xxommuh għax tassew ifuħ.

Imma OJJ! Taqtgħuhx ta! Ħallu l-fjuri bi kwiethom mhux biss biex igawdihom ħaddieħor (inkluż l-insetti), imma biex il-pankrazju jkun jista' jagħmel iż-żerriegħa u jkompli jinfirex.



għali ambjentali

# Nar!

Elisabeth Conrad

**Reġa' wasal is-sajf u min jgħid *Għall-erwieħ!* u min jgħid *Uff xi dwejjaq!* Għax min iħobb is-sħana, u min le! Però s-sajf jaf ikollu wkoll xeħta ftit iktar kiefra milli mdorrijin biha, fejn jidħlu l-foresti u n-nirien.**

**Jekk segwejtu l-aħbarijiet dan l-aħħar, żgur li smajtu bin-nirien li kien hawn fil-foresti Ewropej tul l-aħħar xahar. F'Lulju ta' dis-sena biss, in-nirien qerdu xi 2230$km^2$ ta' foresta fil-Bulgarija, Kroazja, Greċja u Italja. Kien hemm ukoll nirien qerrieda fit-Turkija, fl-Albanija, u fil-Gżejjer Canarie (ara wkoll pġ4). Mid-dehra n-nirien ta' dis-sena kienu l-agħar fl-istorja. U s-sajf għadu m'għaddiex!**

Forsi tarawha stramba din, imma n-nar huwa naturali f'xi tipi ta' foresti. Xi foresti anzi jiddependu min-nar biex ċerti siġar jirriġeneraw. Per eżempju hemm żerriegħa li ma tinbitx jekk ma tinħaraqx! Allura n-nar meta jsir problema?

In-nirien isiru problema meta jseħħu f'foresti fejn mhux soltu jsiru, jew jekk ikunu qawwijin jew spissi wisq. L-ikbar problema hija meta n-nirien jinfirxu fuq meded kbar.

## tort

Il-bniedem għandu ftit tort meta jiġri dan. L-ewwelnett it-tibdil fil-klima qed jibda jagħmel tiegħu. Iktar ma tkun sħana u nixfa, iktar se jkun hemm nirien. U dan it-tibdil diġà qed jinħass sew f'xi postijiet, u fil-fatt qed jiżdiedu n-nirien.

## imġiba

Kultant tkun l-imġiba diretta tal-bniedem li tikkawża l-inċendji, ħafna drabi bi traskuraġni jew vandaliżmu. F'pajjiżi speċjalment fejn hemm problemi ekonomiċi u soċjali, in-nies spiss jaħarqu l-foresti apposta, ħalli mbagħad jużaw l-art għall-biedja.

## iż-żejjed żejjed!

Ironikament, il-bniedem kultant jikkaġuna n-nirien proprju għax joqgħod attent iż-żejjed biex ma jħallix nar jaqbad! X'jiġifieri?!

Meta n-nirien iseħħu b'mod naturali u regolari jinħaraq ċertu ammont ta' materjal niexef bħal zkuk, friegħi u weraq mejtin. Dan normali. Imma meta l-bniedem ma jħallix dawn in-nirien naturali jaqbdu, il-materjal niexef jibda jinġema' ż-żejjed. Meta mbagħad il-foresta taqbad, l-inċendju jkun enormi għax in-nar isib ħafna materjal x'jaħraq. Nar bħal dan jaf jeqred foresta għal kollox.

Dan ġara f'partijiet minn Yellowstone National Park (USA) xi snin ilu għax ir-rejnġers kienu jitfu kull xrara nar li jaraw - fi kliem ieħor kienu jagħmlu xogħolhom sew wisq! Meta fl-aħħar qabad in-nar, ħalla ħerba sħiħa.

Illum xi foresti jimmaniġġjawhom billi jħalluhom jinħarqu kull tant żmien, xi drabi r-rejnġers stess iqabbdu nirien żgħar apposta, biex jevitaw inċendji kbar.

## impatti

Apparti l-qerda diretta tas-siġar, u l-flora u fawna li jisfaw vittmi tan-nirien, l-impatt ta' inċendju forestali jkompli anke wara li jieqaf in-nar. Dan għaliex l-ispeċi li mbagħad [1]jikkolonizzaw l-art maħruqa x'aktarx ikunu differenti minn dawk li kien hemm qabel. Din tibdel l-ekoloġija ta' post.

In-nirien iħallu wkoll effett fuq l-ilma u fuq il-ħamrija. U d-duħħan u t-trabijiet jaffettwaw ukoll saħħitna, speċjalment min ikollu problemi bin-nifs, bħall-affann.

## Se jżidu!

Għalhekk das-sajf, meta tgergru bis-sħana, ftakru li l-bidla fil-klima mhix biss kwistjoni ta' Uff xi sħana! L-impatti fuq in-natura diġà bdew u qegħdin narawhom. U se jkomplu jżidu.



[1]**jikkolonizzaw**: annimal jew pjanti ġodda li jibdew jikbru jew jiġu jgħixu f'post ġdid.

# Nilagħbu tikka

Janet u Amy Gerardi

Ibdel in-numri f'ittri u tifforma ħafna ismijiet ta' pjanti Maltin. Kull numru jaqbel ma' ittra waħda, u kull numru li taqtgħu tistgħu timlew il-kaxxa t'isfel u din tgħinkom timlew il-bqija tat-taħbila. Biex ngħinukom tibdew tajniekom tlieta minnhom.



| | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 15 | 23 | 16 | 1 | 26 | 6 | 8 | 13 | 6 | 16 | 21 | 6 | 7 | 7 | |
| 5 W | | | | | | 16 | | 20 | | | | | | | |
| 1 I | 8 | 24 | 16 | 1 | 25 | 6 | | 4 | 12 | 3 | 10 | 20 | 16 | 16 | 6 |
| 22 D | | | | | | 15 | | 26 | | | | | | | |
| 8 | 1 | 7 | 20 | 4 | | 20 | | 3 | 6 | 4 | 6 | 16 | 1 | 8 | 6 |
| 20 | | | | | | 3 | | 20 | | | | | | | |
| 15 | 17 | 1 | 20 | 17 | | 8 | | 21 | 20 | 3 | 12 | 8 | 1 | 10 | 6 |
| 1 | | | | | | 23 | | 1 | | | | | | | |
| 16 | 20 | 16 | 16 | 23 | 9 | | | 21 | 1 | 22 | 6 | 16 | 11 | 6 | |
| 19 | | | | | | 2 | | 6 | | | | | 6 | | 19 |
| 6 | | | | | | 6 | | | 7 | 20 | 3 | 6 | 8 | 11 | 23 |
| 18 | 23 | 3 | 3 | 1 | 20 | 2 | | 4 | | | | | 11 | | 22 |
| 6 | | | | | | 12 | | 12 | 3 | 10 | 1 | 22 | 6 | | 6 |
| 3 | 1 | 18 | 6 | 8 | | 14 | | 9 | | | | | | | |
| | | | | | | 14 | | 15 | 20 | 8 | 24 | 18 | 23 | 22 | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 I | 2 | 3 | 4 | 5 W | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 | 11 | 12 | 13 |
| 14 | 15 | 16 | 17 | 18 | 19 | 20 | 21 | 22 D | 23 | 24 | 25 | 26 |



Jekk teħel tista' tfittex fit-taqsima tal-flora tal-ktieb *WildLife of the Maltese Islands*. Jekk għandek il-verżjoni Maltija *Flora u Fawna ta' Malta*, tant u tant aħjar għax tista' tmur mill-ewwel fl-indiċi.

## Għal kull membru li ddaħħal fil-Klabb inti tieħu

- **3 pitazzi tal-BirdLife**
- **stiker bil-kulur**

Ħajjar lil sħabek u lil ħutek jidħlu fi Klabb Ħuttaf...
Tihom kopja ta' dil-formola biex jimlewha...
Imla isfel nett id-dettalji tiegħek stess...
Ibgħat kollox lil BirdLife Malta,
flimkien mat-**Lm3** (€6.99) tal-membru l-ġdid.



serp iswed

**Dettalji tal-membru l-ġdid/a**

isem u kunjom ______________________

indirizz ______________________

______________________ postcode ________

data tat-twelid ________ telefon ________ imejl ________

Skola ______________________

**Dettalji tiegħek stess**

isem u kunjom ______________________

indirizz ______________________

______________________ postcode ________

membership number ________ telefon ________ imejl ________

Skola ______________________

Ibgħat kollox lil **BirdLife Malta 57/28 Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex XBX 1120**
Tibgħatx flus bil-posta, imma ċekk (pagabbli lil BirdLife Malta) jew inkella 38 bolla tat-8ċ (jekk self-adhesive aħjar!).

Tqattax il-magażin - agħmel kopja!

# Kienet lejla maġika...

*Ħarġa Klabb Ħuttaf 7 Lulju 2007*



Kathleen Mamo




Denis Cachia

Lanċa... waħda minn tnejn!



Matthew Borg Cardona

Ċiefa... waħda minn elfejn!

Kienet esperjenza vera sabiħa. Temp perfett, baħar kalm, ftit shab u ż-żiffa tal-baħar.

Konna grupp kbir ħafna, imlejna żewġ laneċ, imma kif ħriġna miċ-Ċirkewwa l-baħar kellu effett li jikkalmak, u kulħadd qisu baxxa leħnu u qagħad jitpaxxa jħares lejn wiċċ il-baħar li kien donnu qed jieħu n-nifs bil-mod.

Qbiżna Kemmuna u qrobna lejn Għawdex. Ġbidna lejn in-nofsinhar tal-gżira u bdejna resqin lejn l-irdum għoli, sabiħ u fl-istess ħin tal-waħx, il-famużi sisien ta' Ta' Ċenċ.

Aħna u resqin beda jidher iċ-ċief! L-ewwel rajna waħdiet, imbagħad bdew ġejjin qtajja' sħaħ, itiru madwarna jew joqogħdu f'wiċċ l-ilma, jistennew id-dlam biex jidħlu fil-bejtiet fl-irdum. Kulħadd issaħħar. Anke dawk minna li ilhom is-snin jaraw u jistudjaw iċ-ċief baqgħu ċċassati.

Ħeqq ma ttiħomx tort! Wara kollox, li tara elfejn ċiefa itiru qisħom erwieħ skuri waqt li nieżla x-xemx minn wara sħab mudlam... mhijiex esperjenza ta' kuljum!

Kathleen Mamo

Pin badges ġodda! 20 disinn differenti! Għasafar u annimali oħrajn! Kwalità prima! Lm1 (€2.33) 'l waħda!
Għall-bejgħ biss mingħand il-BirdLife. Agħżlu kemm u liema tridu u ibagħtu ċekk lil
BirdLife Malta 57/28 Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex XBX1120.

